SECRET - CABINET PAPERS

(1)

## MINUTI

### Laqgha tal-Kabinett Nru 32

Kastilja, 7 ta' Gunju 1979

fit-8.30 pm

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |
| L-Onor Joseph Abela | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet u Sport |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekomunikazzjonijiet |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc, Industrija u Industriji Parastatali u tal-Poplu |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tal-Ghajnuna Socjali, Xoghol u Kultura |

**Prezenti wkoll:**

| | |
|---|---|
| Dr Edgar Mizzi | Sur Joseph Cassar |
| Sur Albert Mizzi | Sur Edmond Micallef |
| Sur Lino Spiteri | Sur Joseph Sammut |
| Sur George Agius | Sur Saviour Deguara |
| Sur Joe Borg | |

MINUTI

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-Laqgha Nru 31.

Il-Prim Ministru ghamel 'review' qasira tal-pozizzjoni finanzjarja fil-kuntest tas-sitwazzjoni internazzjonali. Hu wera l-bzonn li jitfasslu 'contingency plans' biex ma ninqabdux ghall-gharrieda u ghalhekk gie deciz li tittiehed azzjoni biex:

1. Jingabru l-flus kollha li ghandna niehdu minn barra minn Malta.

2. Jigi mtawwal iz-zmien li fih ghandhom jintefqu l-flus ivvotati ghal'capital expenditure' sakemm dan ma kienx igib xi hsara mieghu, per ezempju fil-progetti ta' Marsaxlokk u Hal-Far, fejn nistghu nnaqqsu l-pass sakemm inkunu certi mill-pozizzjoni. Ghal dan il-ghan kien mehtieg li jkun hemm revizjoni tar-'Revenue' stmata sa l-ahhar tal-1979.

3. Jekk iridu jittiehdu xi mizuri li ma jkunux popolari, iridu jidhlu issa.

   Bhala l-ahhar mizura jistghu jinbieghu xi affarijiet taghna lill-Maltin, li jkollha l-effett ukoll li tirrestringi l-esportazzjoni tal-kapital.

4. Il-proposti ghall-Budget tal-1980 iridu jkunu lesti sa l-ahhar ta' Ottubru 1979, biex il-Budget ikun mghoddi mill-Parlament sa l-20 ta' Dicembru 1979.

   Is-sena finanzjarja fil-Korporazzjonijiet Parastatali trid tibda taghlaq fl-ahhar ta' Settembru ta' kull sena u l-estimi taghhom jigu pprezentati fil-Parlament fil-bidu ta' Novembru.

26/10/79.

.....................  .....................

Segretarju tal-Kabinett  Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA